

*Tutmosis III*

# ĦJIEL TA' ĠOGRAFIJA BIBLIKA

***Marcello Ghirlando***

## L-Għejun Storiċi għal Ġografija Biblika

Tlieta huma l-għejun storiċi li jistgħu jgħinuna nifhmu aħjar l-istorja ġeografika tal-Bibbja: il-Bibbja, it-testi epigrafiċi u r-riċerka arkeoloġika.

**Il-Bibbja:** Fiha 475 indikazzjoni ġeografika u hija l-għajn prinċipali għal storja gejoġrafika tal-Palestina fil-perijodu Israelitiku. Id-deskrizzjonijiet u r-rakkonti spiss jirriflettu l-ambjent ġeografiku. Iżda rridu nżommu quddiem għajnejna li l-Bibbja mhijiex ktieb la ta' ġografija u lanqas enċiklopedija imma tikkonċentra li tgħaddi l-esperjenza ta' fidi fl-istorja ta' kuljum tal-poplu l-magħżul li jgħix fl-art tiegħu. Għalhekk insibu aktar dettalji fuq il-postijiet li fihom għex il-poplu (iż-żoni ċentrali – Ġuda u Benjamin -, aktar minn dawk periferiċi – il-Galilija, it-Transġordanja, in-Negeb u ż-żoni kostali). Anke meta l-Bibbja tagħtina xi speċifikazzjonijiet ġeografiċi, irridu nżommu quddiem għajnejna meta u għaliex dawn inkitbu. Irridu nsaqsu lilna nfusna għaliex dawn l-indikazzjonijiet jew listi ġeografiċi ġew magħġuna mar-rakkonti bibliċi u jekk dawn humiex fil-fatt aktar antiki mir-rakkonti nfushom. Irridu nżommu anke quddiem għajnjena il-fatt li jista' jkun li dawn l-indikazzjonijiet u l-listi ġew mqassra jew mtawla jew mfissra skont il-bżonn.

Tlieta huma t-tipi ta' dokumenti ġeografiċi fil-Bibbja:

**Id-deskrizzjonijiet storiko-ġeografiċi:** għandna żewġ eżempji ċari. Il-lista tan-nazzjonijiet li nsibu f'Ġenesi 10, lista li tagħtina deskrizzjoni etnoġeografika tan-nazzjonijiet li magħhom Israel kellu xi relazzjoni u li ssawret biex turi li dawn kollha kienu ġejjin minn missier wieħed. Għandna speċi ta' arblu tar-razza patrijarkali li jmur lura għall-perijodu storiku tas-Saltna magħquda. F'Ġożwe 12 insbu wkoll lista tal-ibliet rjali ta' Kangħan li jissemmew fir-rakkont ta' l-insedjament tal-poplu fl-art imwiegħda. Interessanti hija l-lista tal-bqija tal-art li ma ġietx mirbuħa (Ġożwe



MOSAIC MAP PHOTO AT GREEK ORTHODOX CHURCH OF ST. GEORGE - MADABA - JORDAN

13:1-16) u l-Itinerarju tal-mixja tal-Lhud fid-deżert li nsibu f'Numri 33 li jsemmi diversi postijiet fejn il-poplu seta' waqaf.

**Il-Listi Territorjali Amministrattivi**: l-uniku dokument li huwa frott l-organizazzjoni uffiċjali tas-Saltna insibuh fl-1 Slaten 4:7-19, fejn insibu lista tal-Kummissarji distrettwali ta' żmien Salamun li jixhdu għad-distretti ġeografiċi amministrati mis-Saltna. Insibu wkoll listi oħra li jagħtuna ħjiel ġeografiku meta jitkellmu mil-limiti taż-żoni amministrati u mid-diversi bliet u rħula li kienu parti minn dawn l-istess żoni. Dawn il-listi saru għal amministrazzjoni aħjar u biex jiġi organizzat il-ġbir tat-taxxi. Eżempji nistgħu nsibuhom f'2 Samwel 24:2: 'minn Dan sa Birsaba'; Eżodu 23:31: l-estensjoni ta' l-art imwiegħda; Ġożwe 15:21-62 u 18:25-28 jagħtuna listi ta' bliet u rħula. F'dan il-Ktieb insibu diversi listi ġeografiċi oħrajn. Ta' interess huma l-listi ta' l-ibliet fortifikati: 1 Slaten 9:15-19 u 2 Kronaki 8:1-16 li jitkellmu mill-ibliet ta' żmien Salamun u 2 Kronaki 11:5-12 li titkellem mill-ibliet ta' żmien is-Sultan Reħobogħam.

**Spedizzjonijiet u konkwisti:** dawn ukoll huma testi deskrittivi, miktuba fi żmien ta' gwerra jew anke waqt żmien ta' paċi, li jagħtuna ħjiel ġeografiku. Per eżemju d-deskrizzjoni tal-konkwista ta' Abija f'2 Kronaki 13:19 jew il-kampanja militari ta' Ben-Ħadad, Sultan ta' Aram u Damasku f'1 Slaten 15:20. Fil-Bibbja nsibu anke żewġ eżempji ta' deskrizzjonijiet antiki ta' kampanji militari: spedizzjoni ta' erba' slaten li niżlu mit-tramuntana kontra l-ibliet fil-Wied ta' Siddim (Ġenesi 14) u l-kant rebbieħ ta' Siħon, Sultan ta' l-Amurrin li nsibu f'Numri 21:27-30. Ma nistgħux ninsew l-orakli kontra l-ġnus li nsibu f'diversi testi profetiċi u li jagħtuna wkoll ħjiel ġeografiku, per eżempju Iżaija 10:28-32, Ġeremija 47:1-7 u 49:7-22.

**Dokumenti Epigrafiċi:**
**L-Għejun Eġizzjani** - dawn imorru lura għat-tieni millennju QK u jgħinuna nifhmu 'l-art ta' Kangħan' qabel id-dħul ta' l-Israeliti fl-art. Il-parti l-kbira tal-materjal huwa frott il-perijodu tas-Saltna l-Ġdida u t-tmintax u d-dsatax-il dinastija (XV-XIV u XIII seklu QK). Naqsmu dawn it-testi f'seba' kategoriji:

L-Annali, deskrizzjonijiet ta' spedizzjonijiet militari fis-Sirja u l-Palestina li ġew konservati fil-ħitan tat-tempji jew fl-oqbra ta' uffiċċjali li ħadu sehem fihom.

Bassoriljevi fit-tempji li fihom ġew imnaqqxa r-rebħiet fuq l-ibliet. Ta' min isemmi dawk ta' żmien Seti I (1300 QK) li jagħtu deskrizzjoni tal-fortizzi u l-bjar fit-triq bejn l-Eġittu u l-Palestina.

Listi Topografiċi mnaqqxin u li jagħtuna ħjiel ta' bliet u fortizzi mirbuħa. Klassika hija dik li tmur lura għal żmien Tutmosis III li fija 119-il isem ta' postijiet li rebaħ fil-Palestina wara r-rebħa tiegħu fuq Megiddo. Din il-Lista saret mudell għal dawk li nkitbu warajha.

Papiri Letterarji li ftit minnhom jagħtu wkoll deskrizzjoni ġenerali tal-Palestina. Ta' min isemmi ir-Rakkont ta' Sinuhe (XX seklu QK).

Papiri Amministrattivi: dawn huma ftit u jagħtu ftit xhieda ta' l-amministrazzjoni Eġizzjana fuq l-art ta' Kangħan. Ta' min isemmi lista ta' emmissarji li ġew minn diversi bliet ta' Kangħan (XIV QK) u papiri amministrattivi li jagħtu ħjiel tal-ibliet fuq il-fruntieri ta' l-Eġittu.

Testi ta' Esakrazzjoni: dawn huma kollezzjoni ta' testi li jagħtuna l-ismijiet tal-mexxejja ta' diversi bliet u gruppi etniċi li kienu jgħixu fil-Palestina matul is-Saltna tan-Nofs. L-ismijiet huma mżejna b'saħtiet kontra dawn il-mexxejja.

Arkivji ta' Korrispondenza: ma nistgħux ma nsemmux l-Ittri misjuba f'El-Amarna mnaqqxa fit-tafal u miktuba bl-Akkadiku u li fihom korrispondenza estensiva mas-Slaten f'Kangħan u li




jmorru lura għall-ewwel nofs tas-seklu XIV QK.

**Għejun Mesopotamiċi:** Id-dokumenti Mesopotamiċi li jitkellmu mill-Palestina huma ftit. Nistgħu nitkellmu mid-dokumenti Akkadiċi ta' Mari li jitkellmu minn Ħażor u Lakish fil-Palestina (XVIII QK). *Stelae* u riljevi tas-VII seklu QK isemmu xi ħjiel topografiku, fosthom l-iskrizzjonijiet ta' Tiglet-Pilesar III u Sennakerib.

**Għejun Palestinjani:** It-testi epigrafiċi misjuba fil-Palestina huma ftit u minima hija l-informazzjoni topografika li jagħtuna. Xi testi bl-Akkadiku nstabu f'Taanak, Geżer u Tell el-Ħesi. Ta' min isemmi l-Istela ta' Mexa, Sultan ta' Moab (IX seklu QK), xi *ostraka* (biċċiet tal-fuħħar b'iskrizzjonijiet fuqhom) misjuba fis-Samarija u li jmorru lura għas-seklu VIII QK, siġilli rjali stampati fuq l-manku ta' ġarar tat-tafal misjuba fit-territorju ta' Ġuda u li jsemmu erba' postijiet ġeografiċi.

**Il-Kontribut tal-Arkeoloġija:** Ma nistgħux ma nitkellmux mill-kontribut kbir li tat l-arkeoloġija li f'dan il-kamp ta'studju storiku u ġeografiku hija indispensabbli. Il-fdalijiet arkeoloġiċi huma kollha xhieda storika ta' kulturi antiki li jgħinuna ftit aktar ngħaqqdu t-tagħrif dwar l-art biblika. L-iskavi arkeoloġiċi xjentifiċi jagħtu kontribut kbir biex nifhmu n-natura u l-istorja ta' insedjamenti antiki; nifhmu aħjar l-istrutturi u l-firxa tal-binjiet tal-ibliet u tal-irħula; nifhmu aħjar is-sistema tat-tqassim ta' l-ilma, is-sistemi tad-drenaġġ, il-kultura materjali u r-relazzjonijiet ma' pajjiżi oħra. Dan kollu jiġi bbażat fuq investigazzjoni stratigrafika li tixhed għad-diversi żminijiet ta' insedjament jew ieħor. Ma' dan inżidu l-istudju ta' dak kollu li jinstab (fuħħar, muniti, ħġieġ, iskrizzjonijiet eċċ) u l-istudju tad-dokumenti letterarji li jitkellmu minn dawn l-insedjamenti u l-madwar tagħhom. Meta nitkellmu mill-art biblika rridu ngħidu li saru mijiet ta' skavi arkeoloġiċi fil-postijiet il-kbar u ċentrali ta' l-art u b'hekk għandna stampa ftit jew wisq ċara ta' l-insedjamenti antiki. Is-sejbiet u r-riżultati jitqabblu biex l-istampa tkun aktar ċara u koerenti.

## L-Ambjent Ġenerali tal-Art Imqaddsa

**Pont vitali:** Irridu nifhmu l-istorja ta' din l-art fil-kuntest aktar wiesa' tal-qafas ġeo-politiku tal-Lvant Qarib antik. Din l-art, 350 mil fit-tul, testendi mis-Sinaj fin-nofsinhar sal-muntanji ta' Amanus u Tawrus fit-tramuntana. Il-wisa' ta' 60 mil jitkejjel mill-kosta tal-Mediterran sa tarf id-deżert max-xmara Ġordan. Minkejja ċ-ċokon, din l-art għandha klima diversa, xita mhix nieqsa fix-xhur xitwin, u struttura topografika partikolari. Tagħmel parti

miż-żona abitata ta' dak li ġie msejjaħ, 'In-Nofs Qamar Fertili' (*Fertile Crescent*).

Din iż-żona ġeografika hija mdawra bil-baħar fin-naħa tal-punent, espansjonijiet ta'deżert fiċ-ċentru kif ukoll fin-naħa tan-nofsinhar. Iż-żona fit-tramuntana tal-lvant hija magħrufa bħala Mesopotamja, biż-żewġ xmajjar kbar, it-Tigris u l-Ewfrat. Dawn ix-xmajjar isibu l-għejun tagħhom fl-Armenja u jinżlu lejn il-Golf Persiku, il-limitu fl-ilbiċ tan-Nofs Qamar Fertili.

Il-Palestina tinsab fin-naħa tax-xlokk u hija l-iżgħar u l-ifqar mill-pajjiżi f'din iż-żona ġeografika. Hija importanti għaliex kienet triq prinċipali, pont, bejn it-tieni ċentru l-aktar importanti fiċ-ċivilizzazzjoni antika, l-Eġittu, pajjiż in-Nil u l-pajjiżi l-kbar tan-Nofs Qamar Fertili. Hija l-pont tal-art bejn iż-żewġ kontinenti ta' l-Asja u l-Afrika.

Lejn tmiem ir-raba' u l-bidu tal-ħames millennju Q.K. il-pedamenti taċ-ċivilizzazzjoni umana ġew imqiegħda fiż-żewġ artijiet tax-xmajjar il-kbar, il-Mesopotamja u l-Eġittu. Kien hawnhekk li twieldu l-ewwel saltniet kbar li imponew gvern organizzat u magħqud fuq il-popolazzjonijiet tagħhom. Dawn ġew megħjuna mill-fertilita tal-artijiet tagħhom imsoqqija mix-xmajjar il-kbar li servew ukoll bħala mezz ta' trasport.

Fatturi bħal dawn ma jeżistux fil-Palestina u s-Sirja għaliex il-konfigurazzjoni ġeografika tagħhom aktar tgħin biex taqsam l-art f'distretti iżgħar u mhux dejjem fertili. Dan ma kienx jgħin għall-għaqda. It-tliet xmajjar jinżlu b'mod vertikali: ix-xmara Oronti tinżel lejn it-Tramuntana u l-Litani u l-Ġordan lejn in-nofsinhar. Kien fil-widien tax-xmajjar li żviluppaw l-insedjamenti urbani (ara: Ġenesi 13, 10). Hu għalhekk li s-Sirja u l-Palestina saru artijiet fid-dell tal-qawwiet il-kbar, il-Mesopotamja u l-Eġittu, li kienu jikkunsidrawhom bħala triq ta' kummerċ. Dan ħalla marka storika fuqhom f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' influwenza kulturali, ekonomika u politika; u anke jekk ma setgħux jiżviluppaw b'mod indipendenti, kien



*Xmara Ewfrat*

proprju hawn li żviluppat il-kitba alfabetika u l-fidi monoteistika.

F'dal-kuntest hija interessanti l-Lista tan-Nazzjonijiet li nsibu fil-Ġenesi 10 u fl-1 Kronaki 1;1-23. Hija xhieda ta' x'kienu jaħsbu l-antiki fuq is-sitwazzjoni ġeopolitika tal-Palestina bħala pont u ġabra qasira tal-artijiet u n-nazzjonijiet magħrufa lil Israel, probabbilment fi żmien il-monarkija magħquda, taħt forma ta' arblu tar-razza li jibda minn Noe. Ulied Ġafet li kienu joqogħdu fin-naħa tat-tramuntana u l-majjistral; ulied Ħam fin-nofsinhar, f'relazzjoni ma' l-Eġittu u li kienu joqogħdu anke f'Kangħan, u wlied Sem fil-lvant, popli semitiċi qrib ħafna l-Israeliti

**Bejn il-Baħar u d-Deżert:** Il-klima tal-Palestina hija influwenzata ħafna minħabba l-fatt li tinsab bejn il-baħar u d-deżert, f'żona sub-tropikali, li jwassal għax-xita fix-xitwa u staġun niexef fis-sajf, b'rebbiegħa li hija xi ftit jew wisq qasira. Għall-aħħar ta' Marzu l-irjieħ mix-xlokk (riħ 'ħamsin') iġibu jiem ta' sħana u dan ukoll f'xi jiem ta' April-Mejju u Settembru-Ottubru. Hija l-kosta u l-għoljiet fit-tramuntana li l-aktar li jirċievu l-barka tax-xita, xi kultant b'abbundanza kbira.

Hemm diversi xmajjar żgħar li jinżlu lejn il-wied tal-Ġordan matul is-sena kollha: ix-xmara Ġarmuk, Ġabbok u Wied Ġalud fin-naħa tal-majjistral; l-Arnon u ż-Żered li jinżlu lejn il-Baħar il-Mejjet u x-xmara Ġarkon li tinżel lejn il-Mediterran. Hemm xmajjar żgħar li huma qosra u għandhom ftit ilma, bħax-xmara Kison.

Matul l-istorja l-Baħar Mediterran (il-Baħar 'il-Kbir') ma tantx kellu importanza għall-popolazzjoni u l-ekonomija minħabba n-nuqqas ta' portijiet kbar. Insibu xi portijiet żgħar bħalma kienu dawk ta' Ġoppa, 'Askalon, Dor u Għakku. Ta' importanza ikbar kienu l-portijiet tas-Sirja, partikularment Tir u Sidon.

Id-deżert idawwar il-Palestina min-naħa tal-lvant u tan-nofsinhar, żoni estensivi li fihom kienu jgħammru n-nomadi u tribujiet li kienu jagħmlu pressjoni fuq iż-żoni abitati, bħalma kienu l-Għamalekin, il-Midjanin u l-Ismagħelin. L-awtur bibliku jgħid, per eżempju li kien fi żmien Sawl (1 Samwel 14:48) li l-poplu ġie meħlus minn dawn. Id-deżert, speċjalment min-naħa tan-Negeb fin-nofsinhar u min-naħa tat-Transġordanja, kien qisu bieb miftuħ għall-invażjoni u l-infiltrazzjoni tal-għedewwa tal-poplu.

Il-pressjoni kontinwa ta' nomadi Semiti mid-deżert għamel mod li l-popolazzjoni fil-Palestina dejjem kienet fil-parti l-kbira Semitika. Xhieda ta' dan huma l-ismijiet ġeografiċi. Fi tmien it-tielet u fil-bidu tat-tieni millennju QK, in-Nofs Qamar Fertili mtela bl-Għammurrin. Fi tmien it-tieni millennju QK daħlu l-Għebrej-Għaramin.

Il-baħar u d-deżert ħolqu l-pedamenti ġeoloġiċi tal-Palestina, il-blat u l-ħamrija tagħha. Blat li huwa magħmul minn diversi tipi ta' ġebel franka, iffurmat minn diversi depositi sedimentarji fil-perijodi ġeoloġiċi tardivi. Hija franka li tippermetti li l-ilma jgħaddi sakemm jiġi miżmum u jiġri fuq livell inferjuri ta' blat li ma jħallix l-ilma jgħaddi. Insibu blat tajjeb biex jiġi maqtugħ u jintuża għall-bini u dan jipprovdi riżorsa naturali għal Palestina. Dan it-tip ta' blat, biż-żmien isir ħamrija fertili, li bħalha nsibu fiż-żona ta' l-għoljiet fil-majjistral tal-Palestina u fit-Transġordanja ċentrali. It-tip ta' blat u ħamrija fid-deżert ta' Ġuda, għall-kuntrarju, huwa fqir ħafna, anke jekk fil-widien dan għen biex żviluppaw it-toroq prinċipali bejn l-għoljiet.

Il-widien fil-majjistral tal-Palestina huma mgħottija b'ħamrija fertili li ngarret lejn il-kosta u l-Wied ta' Ġeżrael; b'hekk dawn iż-żoni saru minn fost l-aktar fertili f'din l-art. Il-parti tal-majjistral tal-kosta hija mgħottija bir-ramel li jidħol

anke 4 mili 'l ġewwa mill-kosta. Fit-tramuntana tan-Negeb nsibu speċi ta' trab fin isfar-kannella li ġie msoqqi u kkultivat u maż-żmien ħoloq żona fertili.

L-għoljiet ta' Edom u Mowab huma miksija bi blat ħamrani filwaqt li ż-żona tat-tramuntana tal-Palestina tixhed li kienet żona vulkanika. Fil-fatt, f'Basan (fit-tramuntana tat-Transġordanja) u fiż-żona t'isfel tal-Galilija, il-blat hu vulkaniku, iswed, blat li biż-żmien isir ħamrija fertili b'kulur griż-iswed. Il-perjodu tal-ħidma vulkanika ħalla xhieda tektonika li tatna t-topografija tal-Palestina: il-muntanji għolew u niżlu l-widien, fosthom il-Wied tal-Ġordan, li jibda mill-Bekagħa Libaniża sal-Baħar l-Aħmar.

**Ekonomija Agrarja:** dawn il-karatteristiċi ġeografiċi – id-dimensjonijiet dojoq, it-topografija varjata u l-pożizzjoni tal-art bħala pont bejn iċ-ċentri kulturali l-kbar - sawru l-ekonomija pastorali-agrarja tal-Palestina, komuni għal ħafna pajjiżi fl-anitikita. Fil-Palestina kienet tiġi ppratikata l-biedja naturali, jiġifieri mingħajr l-irrigazzjoni u tiddependi biss fuq ix-xita u n-nida. Dan kien ifisser li xi kultant in-nixfa kienet iġġiegħel lill-popolazzjonijiet tal-Palestina jbatu l-ġuħ u jinżlu l-Eġittu għall-ikel. Dewteronomju 11:10-12 huwa xhieda ta' din it-tip ta' biedja li 'tiddependi' minn Alla: *L-art li dieħel fiha biex teħodha f'idejk m'hijiex bħall-art ta' l-Eġittu, mnejn ħriġtu, fejn kont tiżra' ż-żerriegħa u ssaqqiha b'riġlek, bħal ġnien tal-ħxejjex; l-art li int se tgħaddi għaliha biex teħodha f'idejk hi art miżgħuda bil-muntanji u l-widien; art li tixrob l-ilma tax-xita mis-smewwiet; art li jieħu ħsiebha l-Mulej, Alla tiegħek, b'għajnejh dejjem fuqha mill-ewwel sa l-aħħar tas-sena.* L-istess Ktieb (8:7-8) jitkellem mill-frott partikulari ta' din l-art: *Għaliex il-Mulej Alla tiegħek, se jdaħħlek f'art tajba, art ta' widien ta' ilma, ta' għejun u gliegel, li jferrgħu fil-witat u l-muntanji; art tal-qamħ, tax-xgħir, tad-dwieli, tat-tin, tar-rummien; art taż-żebbuġ, taż-żejt, tal-għasel...* Huwa l-frott partikulari tal-ħidma agrikola tipika tal-karatteristiċi ġeografiċi tal-Palestina, bl-għasel li probabbilment huwa frott it-tamal. Ma' dan inżidu t-trobbija tal-baqar u tan-ngħaġ u l-mogħoż. B'hekk għandna spiss id-deskrizzjoni klassika tal-art imwiegħda bħala *art tnixxi ħalib u għasel.*

Minħabba t-trasport fit-toroq kummerċjali, speċjalment il-*Via Maris* (It-Triq fuq il-Baħar) u l-*Via Regia* (It-Triq tas-Slaten), nafu wkoll li n-nomadi kienu jrabbu l-iġmla li kienu jġorru l-merċa (ara: Ġenesi 37:25). It-trobbija tagħhom kienet għajn ta' ġid għax kienet tkattar it-traffiku kummerċjali. Dan kien komdu meta l-popolazzjonijiet kienet tesporta iż-żejjed tal-frott tal-art, bħal qamħ, żejt, inbid u għasel (ara: 1 Slaten 5, 11; Eżekjel 27:17) u għall-importazzjoni, per eżempju d-drappijiet u l-ħwejjeġ mill-Eġittu (ara: Eżekjel 27:7), l-injam u l-ħut mill-Feniċja (ara: Neħemija 13:16).

Il-Bibbja tagħti ħjiel li fost il-ftit materji primi tal-Palestina kien hemm ukoll il-ħadid u r-ram (Dewteronomju 8, 9). Kien hemm xi minjieri tal-ħadid fit-Transġordanja u fin-nofsinhar tal-Libanu. Instabu wkoll xi minjieri tar-ram fl-Għaraba, bejn il-Baħar il-Mejjet u l-Golf ta' Għakaba. Ftit li xejn insibu miktub fuq l-użu ta' melħ mill-Baħar il-Mejjet u l-informazzjoni fuq is-snajja' mhijiex abbundanti. Spiss kien il-missier li jgħallem u jgħaddi s-sena tiegħu lil ibnu. Għalhekk il-Bibbja ssemmi l-familji tal-fuħħara (1 Kronaki 4, 23), tal-bennejja (4, 14), tan-nissieġa (4, 21) u l-iskribi (2, 55).

## Ġografija Fiżika – Id-Diversi Żoni Ġejografiċi

Il-Palestina hija maqsuma f'diversi żoni żgħar li huma ħafna differenti minn xulxin. Biżżejjed inġibu quddiem għajnejna, kif sejrin naraw, id-differenza fl-għoli tal-



*Baħar il-Mejjet min-naħa Israeljana*

muntanji u l-baxx taż-żona taħt il-livell tal-Baħar Mediterran. L-istudjużi tal-ġografija biblika, għal raġunijiet fiżiċi u topografiċi, iħobbu jaqsmu din l-art f'erba' strixxi ta' art, mit-tramuntana għan-nofsinhar.

**L-Istrixxa Kostali jew Pjanura tax-Xatt:** Din hija pjanura dejqa fin-naħa tat-tramuntana u aktar wiesgħa fin-naħa tan-nofsinhar. Fuq il-kosta kienet tgħaddi t-Triq tal-Baħar (*Via Maris*). Ma' din it-triq kummerċjali nbnew id-diversi bliet. Din il-pjanura hija fertili ħafna minħabba l-ħamrija miġjuba bix-xita mill-għoljiet u d-diversi għejun ta' l-ilma. Fil-parti tat-tramuntana ta' din l-istrixxa nsibu żewġ katini ta'għoljiet, dawk ta' Ras Ħa-Niqra u dawk tal-Karmelu. Bejniethom il-pjanura ta' Għakku. Din il-pjanura hija marbuta mal-Wied ta' Ġiżragħel fl-ilbiċ permezz ta' strixxa dejqa bejn il-Karmelu u l-għoljiet fin-nofsinhar tal-Galilija. F'nofs din il-pjanura nsibu l-belt ta' Għakku u, illum, ftit aktar 'l isfel, il-belt ta' Ħaifa.

Il-Wied ta' Ġiżragħel jaqsam mill-majjistral għal-lvant l-għoljiet ċentrali tal-art u jgħaqqad iż-żona tax-xatt mal-Wied tal-Ġordan. Huwa wied fertili ħafna u matul l-istorja minnu kienu jgħaddu diversi fergħat tat-Triq tal-Baħar. Fin-naħa tal-majjistral tal-wied kien hemm diversi bliet bħal Meġìddu, Ġoknagħam u Tagħanak. Bejn it-Tabor u Meġìddu ġew miġġielda diversi battalji storiċi.

Minn taħt l-għoljiet tal-Karmelu sa Ġoppa l-pjanura tax-xatt tissejjaħ Saron, żona b'ramel ħamrani li kien magħruf għas-siġar tal-Ballut. L-ibliet inbnew lejn il-lvant, bħal per eżempju 'Afek u Gat-Pedalla u din iż-żona kellha żewġ portijiet żgħar: Dor u Ġoppa.

Fin-naħa tan-nofsinhar tal-pjanura tax-xatt insibu żona msemmija għall-Filistin, poplu li minnu ttieħed l-isem 'Palestina', u li ħakmu din iż-żona fis-seklu XII Q.K. Hawnhekk il-pjanura hija aktar wiesgħa,

b'inqas xita imma biżżejjed għall-kultivazzjoni, almenu saż-żona ta' Gaza. Din il-belt kienet dik ewlenija matul diversi perjodi storiċi. Iktar 'il fuq kien hemm iż-żewġt ibliet ta' 'Asdod u 'Askalon.

Bejn in-nofsinhar tal-pjanura tax-xatt u l-Għoljiet tal-Lhudija hemm żona ta' għoljiet li kienu msemmija għas-siġar taż-żebbuġ u t-tin selvaġġ. Din tissejjaħ Sefela u fiha kien hemm diversi bliet fortizzi bħalma kienu: Ġeżer, Bet-ħoron, Bet-xemex, Timna, Żorah u Lakis.

Fix-xlokk tal-pjanura tax-xatt insibu l-parti tal-majjistral tad-Deżert tan-Negeb. Il-belt prinċipali ta' din iż-żona hija Birsaba.

**L-Għoljiet Ċentrali:** Fl-antikita ħafna minn dawn l-għoljiet kienu mimlija siġar u għelieqi mtarrġa bil-ħitan tas-sejjieħ. Matul l-istorja l-koltivazzjoni tagħhom ġiet abbandunata u ħafna mill-ħamrija tal-wiċċ inġarret bix-xita. Nistgħu naqsmu dawn l-għoljiet ċentrali f'erba' żoni prinċipali: il-Galilija, l-Għolja ta' Efrajm, l-Għoljiet tal-Lhudija u l-Muntanji tan-Negeb.

Fin-naħa tat-tramuntana nsibu ż-żona tal-Galilija, l-ogħla fost dawn l-għoljiet u l-aktar fertili, anke jekk matul l-istorja kienet xi ftit maqtugħa mit-toroq kummerċjali. Hemm il-Galilija tat-Tramuntana li tifforma wesgħa kbira, li saret żona abitata, u aktar 'l isfel ġabra ta' għoljiet bis-siġar. Il-Galilija tan-Nofsinhar fiha bosta għoljiet żgħar u widien wiesa'. F'nofs din iż-żona tispikka l-Għolja tat-Tabor.

Iż-żona tal-Għolja ta' Efrajm hija l-parti ċentrali ta' dawn is-sensiela ta' għoljiet u forsi l-aktar importanti meta niġu biex nitkellmu minn insedjamenti matul l-istorja. L-isem meħud mit-tribù ta' Efrajm, li kien jgħammar fin-naħa tan-nofsinhar ta' din iż-żona. Taħt it-tribù ta' Efrajm għammret it-tribù ta' Benjamin. Fin-naħa tat-tramuntana tal-Għolja ta' Efrajm kienu jgħaddu ħafna toroq kummerċjali u dawn taw lok għall-iżvilupp


*Il-quċċata tat-Tabor*




ta' bosta bliet fosthom Sikem, bejn l-Għolja 'Ebal u Gariżim, Tirsa, Dotan u Samarija. Sikem hija fil-fatt l-ewwel belt tal-Palestina msemmija f'kampanja militari Eġizzjana u juri kemm dik kienet mibnija f'post strateġiku.

L-Għoljiet tal-Lhudija huma simili ħafna għall-parti tan-nofsinhar tal-Għolja ta' Efrajm. Il-bliet prinċipali mibnija fuq it-toroq li mit-tramuntana kienu jinżlu għan-nofsinhar kienu Ġerusalemm, Betlehem u Ħebron. Iż-żona hija kkultivata bis-siġar taż-żebbuġ u d-dwieli u n-naħa ta' lvant tħares 'l isfel lejn id-Deżert ta' Ġuda, żona ftit li xejn abitata matul l-istorja, neħħi per eżempju l-oasi ta' Għajn-gedi, żona spiss mgħammra bir-ribelli, nies maħruba u eremiti. F'dan il-kuntest wieħed jifhem l-importanza tal-Belt ta' Ġerusalemm. Filwaqt li Ħebron kienet fiċ-ċentru ta' din iż-żona, Ġerusalemm kienet isservi bħala passaġġ lejn it-Transġordanja (minn Ġeżer għal Ġerusalemm lejn Ġeriko u l-Baħar il-Mejjet).

L-aħħar parti ta' din iż-żona nsibuha fin-naħa ta' lvant tan-Negeb. Ħmistax-il mil minn Ħebron wieħed jinżel għaż-żona deżertika tan-Negeb fejn kien hemm il-belt ta' Għarad. Aktar 'l isfel wieħed jinżel fiż-żona deżertika ta' Sin, Faran u s-Sinaj.

**Il-Wied tal-Ġordan:** F'nofs dan il-wied tgħaddi x-xmara Ġordan li tibda minn taħt l-Muntanja tal-Ħermon lejn il-Baħar il-Mejjet, l-aktar post baxx fid-dinja, niżla ta' 1,500 pied. Hawnhekk il-wied jerġa' jitla' għal daqs 750 pied fuq il-livell tal-baħar u jerġa' jinżel lejn xatt il-Baħar l-Aħmar. Il-Wied tal-Ġordan jinqasam f'ħames żoni: Il-Wied ta' Ħule, L-Għadira ta' Ġennesaret, il-Wied tal-Ġordan , il-Baħar il-Mejjet u l-Għaraba.

Il-Wied ta' Ħule jibda fin-naħa tan-nofsinhar tal-Libanu tal-lum u fih hemm il-belt ta' Metulla, il-fruntiera moderna bejn Israel u l-Libanu. Fuq in-

naħa ta' lvant kien hemm Dan, bis-santwarju rjali tagħha, belt msemmija bħala l-fruntiera tat-tramuntana tal-art imwiegħda. Taħt l-Għolja tal-Ħermon insibu l-għejun tax-xmara Ġordan li jinżlu fil-parti ċentrali ta' dan il-wied u kienu jiffurmaw l-Għadira ta' Ħule. Ftit 'il bogħod kien hemm Ħasor, salib it-toroq lejn Damasku.

L-Għadira ta' Ġennesaret hija l-għadira l-aktar magħrufa minħabba l-Ġdid Testment. Twila tlettax-il mil u wiesgħa sebgħa, l-għadira hija mdawra minn widien dojoq. Żona ikkultivata u abitata matul iż-żminijiet b'klima mfittxija. L-Għadira ħadet l-isem ta' Tiberija minħabba l-belt mibnija mit-tetrarka Erodi.

Il-Wied tal-Ġordan huwa twil sebgħin mil, bejn l-Għadira ta' Ġennesaret u l-Baħar il-Mejjet. Ix-xmara tgħaddi mill-fond ta' dan il-wied li huwa fertili fix-xtut tiegħu. Min-naħa tal-majjistral ix-xmara hija msaħħa mix-xmara Ġalud li tinżel mill-Wied ta' Betsan. Wied Fara li kien jinżel minn Tirsa lejn Adam ħoloq triq naturali mill-Għolja ta' Efrajm lejn it-Transġordanja. Minn dan il-post sa Ġeriko, il-Wied tal-Ġordan huwa prattikament deżert. Il-parti ta' lvant fiha diversi xmajjar żgħar, bħal Ġabbok u Ġarmuk li madwarhom inbnew diversi bliet fosthom Pella u Maħanajm.

Il-Baħar il-Mejjet jissejjaħ hekk minħabba l-kontenut kbir ta' melħ, frott in-nuqqas ta' żvog għall-ilma u l-evaporazzjoni. Iż-żona madwar il-Baħar il-Mejjet mhijiex ikkultivata. Dan il-Baħar (fil-fatt hija għadira magħluqa), li jipproduċi minerali li jintużaw kummerċjalment, huwa maqsum fi tnejn minn dak li jissejjaħ 'l-Ilsien', u huwa mdawwar minn għoljiet kbar u widien dojoq li minnhom jinżel l-ilma tax-xita mill-Għoljiet tal-Lhudija. Insibu anke diversi oasi madwaru, per eżempju Għajn-gedi fuq in-naħa tal-majjistral.

L- Għaraba hija t-tkomplija tal-Wied tal-Ġordan bejn l-Baħar il-Mejjet u l-Golf ta' 'Elat u l-isem huwa sinonimu mal-kelma 'deżert'. Hija żona deżertika li fiha xi għejun ta' ilma ġieri li joħolqu oasi żgħar. Din iż-żona kienet importanti għal minjieri tar-ram u t-triq kummerċjali li kienet tgħaddi minnha lejn 'Elat u l-port tagħha.

**L-Għoljiet tat-Transġordanja:** In-naħa tal-majjistral ta' dawn l-għoljiet jinżel lejn il-Wied tal-Ġordan filwaqt li n-naħa ta' lvant ftit ftit jitlaqqam fid-Deżert Siro-Għarbi. Hija żona li tintuża aktar għall-mergħa tal-bhejjem u matul l-istorja kienet mgħammra min-nomadi. Ix-xita li tinżel fit-Transġordanja tinżel lejn il-Wied tal-Ġordan mid-diversi xmajjar qosra li hemm li huma x-xmajjar Ġarmuk, Ġabbok, Arnon u Żered. L-Għoljiet 'il hemm mill-Ġordan jinqasmu f'erba' żoni: Basan, Gilgħad, Mowab u 'Edom.

Basan huwa d-distrett tat-tramuntana tat-Transġordanja, 'il fuq mix-xmara Ġarmuk. Hija żona fertili u fil-Bibbja jissemmew 'il-barrin ta' Basan' (Għamos 4:1) biex jindikaw il-prosperità


*Ir-rebħa tal-Amurrin - Tissot The Conquest of the Amorites*




tagħha. Kienet żona dejjem abitata minħabba l-fatt li l-Għolja ta' Ħawran fi lvant serviet bħala linja ta' difiża u protezzjoni.

Iż-żona ta' Gilgħad hija ogħla u fil-lvant kienu nbnew xi bliet fosthom Rabba Għammon (Amman). Iż-żona ta' Gilgħad kienet iċ-ċentru tal-popolazzjoni Israelitika fit-Transġordanja. Mhux l-ewwel darba li s-slaten Israeliti sabu kenn hawnhekk f'mumenti ta' kriżi.

Mowab hija żona maqsuma fi tnejn mix-xmara Arnon u tħares fuq il-Baħar il-Mejjet.

Edom hija l-aħħar żona li tissemma meta jissemmew il-postijiet tal-art tal-Palestina: l-għoljiet ta' din iż-żona, minħabba l-għoli, għandhom xita abbundanti u diversi żoni huma miżgħuda bis-siġar. Minn hemm ġej l-isem Muntanja Segħir ('Muntanja Xagħarija'). Matul l-istorja din iż-żona kellha diversi fortizzi jħarsu l-popolazzjoni tagħha.

Ħafna siltiet fl-Iskrittura jippruvaw li d-divizjoni tal-art f'dawn id-diversi żoni topoġrafiċi kienu magħrufa sewwa lill-ewwel nies li sabu kenn f'din l-art. Kull żona kellha isem ġeografiku magħruf kif jixhdu diversi siltiet qosra fil-Kotba ta' l-Antik Testment. *Duru u itilqu; idħlu fil-muntanji tal-Ammurrin u fl-inħawi tagħhom, fl-Għaraba, fl-għoljiet, fil-witat u fin-Negeb, f'xatt il-baħar, fl-art tal-Kangħanin, u fil-Libanu, sax-xmara l-kbira Ewfrat* (Dewteronomju 1:7); Ġożwe rebaħ l-art kollha – il-muntanji, in-Negeb, is-Sefela, bix-xaqliba tagħhom...rebaħhom minn Kades-barnigħa sa Gaża, u l-art kollha ta' Gosen sa Gibgħon (Ġożwe 10:40 – 41); *U Ġożwe ħa f'idejh din l-art kollha; il-muntanji u n-Negeb kollu, l-art kollha ta' Gosen, is-Sefela u l-Għaraba, il-muntanja ta' Israel u l-witat tiegħu* (11:16) *...fil-muntanji, fis-Sefela, fl-Għaraba, fix-xaqlibiet tagħhom, u fid-deżert u fin-Negeb, l-artijiet tal-Ħittin, tal-Amurrin, tal-Kangħanin, tal-Periżżin, tal-Ħiwwin u tal-Ġebusin (*12:8) *Imbagħad niżlu wlied Ġuda jitqabdu mal-Kangħanin li kienu jgħammru fil-muntanji, fin-Negeb u fis-Sefela* (Imħallfin 1:9). Dan juri li minkejja ċ-ċokon tal-Palestina, din l-art hija għanja fid-differenzi topografiċi. Ftit bogħod minn xulxin insibu żoni differenti ħafna: il-Galilija fertili u mbierka bix-xita u l-Wied tropikali

tal-Ġordan, l-Għoljiet fertili fit-Transġordanja, l-inxif tad-deżert fin-Negeb u d-Deżert selvaġġ ta' Ġuda. L-għoljiet wieqfa u l-qsim ġeografiku naturali għen biex il-popolazzjonijiet li għexu f'din l-art ikollhom storja u kuntest differenti, li mbagħad għamilha impossibbli li jkun hemm għaqda politika u nazzjonali. *Ikompli*

## Xi bibliografija li tista' tgħin għall-approfondiment tal-Ġografija u l-Istorja Biblika


AHARONI YOHANAN, *The Land of the Bible, a Historical Geography*, Burns and Oates, London 1979.

AHARONI YOHANAN - AVI-YONAH MICHAEL, *The Macmillan Bible Atlas. Revised Edition*, Carta, New York - London, 1977.

AHARONI YOHANAN - AVI-YONAH MICHAEL – RAINEY A.F. – SAFRAI Z., *The Carta Bible Atlas*, Carta, Jerusalem 2002.

AVI-YONAH M, *The Holy Land, A Historical Geography from the Persian to the Arab Conquest 536 B.C. to A.D. 640,* Carta, Jerusalem 2002.

NEGEB AVRAHAM (Ed.), *The Archaeological Encyclopedia of the Holy Land, Revised Edition*, Jerusalem 1986.

KASWALDER PIETRO A., *Onomastica Biblica*, (*Studium Biblicum Franciscanum, Collectio Minor* 40), Franciscan Printing Press, Jerusalem 2002.

KASWALDER PIETRO A., *La Terra della Promessa*, (*Studium Biblicum Franciscanum, Collectio Minor* 44), Franciscan Printing Press, Jerusalem 2010.